MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 235/2008

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' l-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, socjeta` estera ta' nazzjonalita` Amerikana.**

**vs.**

**Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Veronica Rossignuad u b'digriet tad-9 ta' April 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil AL ROWAD SHIPPING AGENCY, A/C NORTH AFRICA SHIPPING**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' l-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, s-socjeta` estera ta' nazzjonalita` Amerikana datat 7 ta' Marzu 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta' attrici THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar tal-markji "PANTENE", "PANTENE PRO-V" u "*head and shoulders*", hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess;

Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) il-markji "PANTENE" (numru 000272971), "PANTENE" (numru 000273342), "PANTENE PRO-V" (numru 001365840), "PRO-V" (numru 000273292), "PANTENE PRO-V" (numru 004833364), "PANTENE PRO-V" (numru 004885646), "PANTENE PRO-V" (numru 005314786), "PANTENE PRO-V" (numru 005314976), "HEAD & SHOULDERS" " (numru 0002230706), "*head & shoulders*" (numru 001798321), u "*h&s head & shoulders*" (numru 004507414), u dan f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti f'kategorija li fihom jaqghu prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar;

Illi fost ohrajn ukoll, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati f'Malta t-*trademarks* bin-numri ta' registrazzjoni "PANTENE" (numru 8457), "PANTENE PRO-V" (numru 43265) u "HEAD & SHOULDERS" (numru 30084), u dan f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti f'kategorija li fihom jaqghu prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar;

Illi s-socjeta’ attrici hija “*detentrici ta’ dritt*” u tinsab registrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta’ l-Edizzjoni Riveduta ta’ l-Ligijiet ta’ Malta) u tal-*Council Regulation* (EC) No 1383/2003 *concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b’hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikoli 2(1)(a), 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414, u fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 1, 2 1.(a), 10, 16 u 17 tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003* fost ohrajn;

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 u fl-Artikolu 1 tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* CLHU 8603260 kontenenti *inter alia* kwantita’ ta’ prodotti ta’ kura u ndafa tax-xaghar, b’numru minn fosthom li fihom sinjali “PANTENE” u “PANTENE PRO-V” bhal dawk tas-socjeta’ attrici prezentati b’mod prominenti, numru iehor minn fosthom li lkoll fihom sinjali “HEAD & SHOULDERS”, “*head & shoulders*”, u “*h&s head & shoulders*” bhal dawk tas-socjeta’ attrici prezentati b’mod prominenti, numru iehor minn fosthom li lkoll fihom sinjali “PRO-V” u ohrajn bhal dawk tas-socjeta’ attrici pprezentati b’mod prominenti, u dawn kollha *oltre* ghall-materjal ta’ ippakkettjar relattiv, liema artikoli kollha waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/ importatrici ndikata fuq id-*draft waybill* relattiv bhala AL ROWAD SHIPPING AGENCY (A/C NORTH AFRICA SHIPPING), ta’ Jamal Abdul Nasser St., Libja, u l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta’ attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali;

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fi Frar 2008 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT WAYBILL* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm indikat AL ROWAD SHIPPING AGENCY, A/C NORTH AFRICA SHIPPING, b'indirizz ta' JAMAL ABDUL NASSER ST., (Benghazi, Libja);

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox 960 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali PANTENE, 1248 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali HEAD AND SHOULDERS u 2880 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali "PRO-V" u ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 9 1. (a) u (b) tal-*Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark*, kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416) u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003;

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghall-decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezenti *entro* dawn l-istess termini.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha ddikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita' ta' prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar, b'numru minn fosthom li lkoll fihom sinjali "PANTENE" u "PANTENE PRO-V" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, numru iehor minn fosthom li fihom sinjali "HEAD & SHOULDERS", "*head & shoulders*", u "*h&s head & shoulders*" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, numru iehor minn fosthom li lkoll fihom sinjali "PRO-V" u ohrajn bhal dawk tas-socjeta' attrici pprezentati b'mod prominenti, u dawn kollha *oltre* ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* CLHU 8603260 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti u d-dokumenti annesi u mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “Z”, u Dok.”AA” u Dok. “BB” kif jidher minn fol. 5 sa fol. 138 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dr. Luigi A. Sansone *nomine* datat 7 ta’ Marzu 2008 a fol. 142 tal-process fejn is-socjeta’ rikorrenti talbet in-nomina ta’ kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimati AL ROWAD SHIPPING AGENCY fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta`. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia, wara li rat id-digriet precedenti, il-bandi mahruga u r-riferta tal-Marixxall, u billi ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, innominat lill-Avukat Dr. Patrick Valentino u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fid-9 ta’ April 2008 kif jidher a fol. 148 tal-process.

Rat li dan ir-rikors guramentat gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta’ Mejju 2008, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-istess kuraturi deputati datata 12 ta’ Mejju 2008 a fol. 157 tal-process fejn esponew:-

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 158 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta’ Mejju 2008 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Luigi Sansone ddikjara li m’ ghandux provi aktar. Dr. Patrick Valentino pprezenta ittra li huwa baghat lill-

konvenuti u ddikjara li ma rcieva l-ebda risposta ghall-istess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' attrici bhala proprjetarja tal-proprjetarja' marki "PANTENE', "PANTENE PRO-V", "head and shoulders", "H&S head and shoulders" u "Pro-V" indikati fir-rikors guramentat u dan *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar debitament registrati f'Malta u fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji (Dok."D" sa Dok. "L"; Dok. "S" sa Dok. "W") u dan ukoll skond il-Kap 414 u *Council Regulation (EC) 1383/2003* qed taghmel din il-kawza stante li qed tallega li dahlu Malta prodotti fl-istess marki li huma fil-fatt kontrafatti jew falsifikati.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' George Agus, ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. "M" u Dok. "AA) li l-istess Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* CLHU 8603260 kontenenti *inter alia* kwantita' ta' prodotti ta' kura u ndafa tax-xaghar li kellhom is-sinjali "PANTENE" u "PANTENE PRO-V", HEAD & SHOULDERS", "*head & shoulders*", "*h&s head & shoulders*" u "PRO-V" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, u dawn kollha *oltre* ghal materjal ta' ippakkettjar relattiv, u liema artikoli kollha waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee*/ importatrici ndikata fuq id-*draft waybill* relattiv bhala AL ROWAD SHIPPING AGENCY (A/C NORTH AFRICA SHIPPING), ta' Jamal Abdul Nasser St., Libja.

Illi fil-fatt l-istess oggetti kontrafatti kienu jikkonsistu b'kollox f'960 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali PANTENE, 1248 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali

HEAD AND SHOULDERS u 2880 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali “PRO-V” u ohrajn.

Illi l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta’ attrici b’dan fi Frar 2008 (Dok. “N”), u wara li l-istess socjeta’ attrici ghamlet il-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali, instab li l-istess oggetti kienu fil-fatt foloz kif jindikaw l-istess rapporti (Dok. “O” sa Dok. “R”).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjoni attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess entita’ konvenuta, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius fl-affidavit tieghu datat 7 ta’ Marzu 2008 (Dok. “AA”).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, u **fil-waqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici**, **tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita’ ta’ prodotti ta’ kura u ndafa tax-xaghar, konsistenti b’kollox 960 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali PANTENE, 1248 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali “*head & shoulders*”, u “*h&s head & shoulders*” u 2880 pakketti kontenenti prodotti bis-sinjali “PRO-V” prezentati b’mod prominenti, bhal dawk appartenenti lis-socjeta’ attrici pprezentati b’mod prominenti, u dawn kollha *oltre* ghall-materjal ta’ ippakkettjar relattiv, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* CLHU 8603260 kien fih l-imsemmija oggetti,

jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi l-istess oggetti hawn indikati bhala falsifikati fi zmien qasir u perentorju ta’ sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u a spejjez ta’ l-entita’ konvenuta;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba attrici in vista ta’ dak deciz abbazi tat-tieni talba attrici.

4. Tordna li l-entita’ konvenuta tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-entita’ konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------